**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 12 ta' Novembru 2015**

**PULIZIJA**

**Spettur Godwin Scerri**

**VS**

**Munir Mohamed Ali Gammudi**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Munir Mohamed Ali Gammudi ta' 33 sena, bin Mohamed u Kerija nee' Treki, mwieled Tripoli nhar il-21 ta' Frar 1981, u presentament residenti 22, Triq San Gorg, Rabat,Ghawdex karta tal-Identita' 133089A;

Talli;

1) F'dawn il-gzejjer nhar il-11 ta' Novembru 2015 ghal habta tal-11.30am minn gewwa residenza Maruska fi Triq l-Istamnar f' San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' flus kontanti, apparat elettroniku u hwejjeg ohra u dan ghad-dannu ta' Anne Caruana, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur u bil-lok;

2) Lil Munir Mohamed Ali Gammudi tali fid-data, hin, lok u cirkostanzi imsemmija qabel kiser il-kundizzjonijeit tla-liberta provizorja imposta lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr Doreen Clarke LL.D nhar l-10 ta' Novembru 2014;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 263(a), 267, 269(g), 579(1),(2) u (3) u 387 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah piena ta' sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin ai terminu tal-Art 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna r-restituzzjoni ta' mowbajl (€450) u tal-ammont ta' mija u hamsin ewro (€150) lill-Ufficjal Prosekutur.

Tikkudnannah multa ta' hames mitt ewro (€500).

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**
**MAGISTRAT**